**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 13 ta' Ġunju 2023**

**Rikors Numru 83/2022**

**Victor Gatt**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Victor Gatt** ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2022, li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. *Illi l-esponent applika mal-Kummissarju ntimat sabiex tinħariġlu liċenzja ta' Gwardjan Privat ai termini tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta). L-applikazzjoni ġġib in-numru ta' referenza PG/704/2022.*

2. *Illi huwa qed jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 29 ta' Lulju, 2022, permezz ta' liema ċaħad l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta' liċenzja ta' Gwardjan Privat a tenur tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Att XIII tal-1996, ossia l-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali u minflok jordna l-ħruġ tal-liċenzja favur tiegħu.*

3. *Illi jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija għaliex hija waħda nġusta, irraġjonevoli u bbażata fuq konsiderazzjonijiet sproporzjonata għaliex ma hemm ebda raġuni li hija fl-interess pubbliku li tiġġustifika ċ-ċaħda tal-applikazzjoni tiegħu ta' Gwardjan Privat u fi kwalunkwe każ l-istess deċiżjoni hija nulla in kwantu nieqsa minn kull motivazzjoni jew raġuni u b'hekk tmur kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u l-prinċipji tad-dritt.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju, jikkontendi li fi kwalunkwe każ dik il-kundanna turi li r-reati li għalihom ġie sentenzjat ma humiex ta' serjetà u gravità tali li jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jaċċettax l-applikazzjoni ta' Gwardjan Privat.*

5. *Illi jirriżulta li l-Kummissarju nimat wasal għad-deċiżjoni ta' rifjut abbażi tal-fatt illi r-rikorrenti kien instab ħati ta' reat elenkat fl-artikolu 10(a)(i) tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta, u aktar preċiżament ta' offiża ta' serq.*

6. *Illi jirriżulta li fit-13 ta' April, 1994, kienet ingħatat sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tar-rikorrent. Illi l-akkużi kienu s-segwenti u ċioe':-*

*(1) Flimkien ma' persuna oħra mhux magħrufa, ikkommetta serq ta' fluq, deheb u apparat tal-Hi-Fi u oġġetti oħra tal-valur li jammonta għal aktar minn elf lira Maltija mill-fond ''Villa de la Corna'', Daħlet il-Ġibjun, San Pawl tat-Tarġa, limiti tan-Naxxar, għad-dannu tas-sidien tal-istess lok, aggravat dan is-serq bil-mezz, lok u valur;*

*(2) Fl-istess lok u ju, bil-ħsieb li jagħmel serqa mill-fond fuq imsemmi wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekużżjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;*

*(3) Fl-istess żminijiet, iddenunzja lill-Pulizija esekuttiva, reat li jaf li fil-fatt ma sarx;*

*(4) Kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta billi kkommetta dawn ir-reati wara li kien ġie meħlus bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet snin;*

*(5) Sar riċediv billi kien ġie misjub ħati ta' reati b'sentenzi li ma jistgħux jiku aktar imħassra jew mibdula;*

7. *Illi permezz tas-sentenza su ċitata, ir-rikorrenti kien instab ħati u ġie kkundannat għal sentejn priġunerija.*

8. *Illi huwa ħadem fil-qasam tal-kostruzzjoni għal snin sħaħ u dan mingħajr l-ebda problemi ta' reċidività u kif ukoll dejjem ipprovda għall-famija tiegħu u kellu jfittex xogħol ieħor miħabba inċident gravi ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol fejn l-esponenti sofra diżabilità permanentu u konsistenti fit-telf ta' swaba'.*

9. *Illi jsostni wkoll illi d-deċiżjoni tal-Kummissarju ntimat ma kinitx waħda raġjonevoli meta wieħed iqis li wara l-kommissjoni tar-reat in kwistjoni ir-rikorrent għandu rekord ta' ħajja lavorattiva eżemplari u li r-reat seħħ tmienja u għoxrin sena ilu. Illi l-aqwa prova ta' dan huwa ż-żmien li offra parir għas-sitwazzjoni reali tiegħu.*

10. *Illi għalkemm kellu każ kriminali, il-Kummissarju ma ħax in konsiderazzjoni l-fatt li minn dak iż-żmien huwa rriforma ruħu. Fil-fatt, f'każ partikolari, it-Tribunal iddeċieda favur l-applikant u ordna lill-Kummissarju jirrivedi d-deċiżjoni tiegħu, tant li sostna;*

*... il-fedina penali waħidha mhux dejjem u neċessarjament, huwa kejl tajjeb biex wieħed jagħmel assessjar raġjonevoli jekk applikant hux persona idonea o meno biex tiġi fdata bil-liċenzja ta' gwardjan privat. Kieku kien hekk allura jista' jiġi abolit kwanlunkwe kunċett ta' rijabilitazzjoni li jista' jkun applikabbli għall-każ partikolari...*

*...Għal dan it-Tribunal mhuwiex biżżejjed li wieħed jagħti ħarsa biss lejn il-fedina penali iżda jrid jiġi spjegat b'mod iktar ċar x'wassal għad-deċiżjoni tar-rifjut, u dan speċjalment meta r-rifjut ikun abbażi tal-interess pubbliku...*

*...Illi dan it-Tribunal, minn dak li sema' ma jista' jirriskontra l-ebda ċirkostanza oġġettiva li tqajjem f'moħħu dak l-allarm li r-rikorrent jista' jipperikola l-benessere tal-pubbliku. Illi għaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrent għandu jingħata dan iċ-ċans, biex jekk verament irid, jimxi 'l quddiem b'ħajtu, però dejjem irid iżomm f'moħħu li l-fiduċja li jista' qed jagħtih dan it-Tribunal irid jibqa' kontinwament jaħdem għaliha sabiex ma jitlifhiex...*[1]

11. *Illi għalkemm dan il-fatt ma jiskużax l-aġir tar-Rikorrent u l-Pulizija Eżekuttiva ġustament ipproċedew fil-konfront tiegħu, fil-fehma tat-Tribunal ir-Rikorrent ma għandux minħabba f'dan l-inċident jitqies bħala persuna li ma għandux karattru affidablli u b'hekk mhux idoneju biex ikollu liċenzja ta' Gwardjan Privat u anzi huwa persuna matura u esperjenzata li kapaċi jieħu responsabbilità u jagħti servizz.*

12. *Illi ma huwiex ġust li l-esponenti jibqa' jbati l-konsegwenzi ta' każ li ġara 28 sena ilu u li llum ġie riżolt b'mod assolut tant li hu serva s-sentenza tiegħu u ma reġax kiser il-liġi u għalhekk is-sentenza ġiet eżegwita fl-intir tagħha. Illi l-Qorti diversament presjeduta sosniet illi;*

    *Il-Kelma 'esegwita' min-naħa l-oħra tfisser meta sentenza tkun għaddiet in ġudikat u għalhekk tkun waħda finali bil-konsegwenzi li ġġib magħha sentenza finali.*[2]

13. *Illi għalhekk, hu jixtieq jaħdem ta' Gwardjan Privat għaliex verament jemmen li tista' tkun ta' servizz f'dan il-qasam.*

*Għaldaqstant, l-appellant jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:*

1. *Jirrevoka u jħassar id-deċiżjoni tal-Kummissrju tal-Pulizija datata 29 ta' Lulju, 2022.*

2. *Jew alternattivament sabiex jiddikjara li l-istess deċiżjoni għandha tiġi varjata u dan għar-raġunijiet su esposti u għalhekk tilqa' t-talba oriġinali tal-appellant billi tawtorizzah jaħdem bħala Gwardjan.*

3. *Jordna li tinħariġlu l-liċenzja ta' Gwardjan Privat u dan taħt dawn il-provvedimenti li jidhrulu opportuni;*

---

[1] Shilo Curmi vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, Tribunal ta' Reviżjoni Amminstrattiva, 14 ta' Lulju, 2022

[2] Il-Pulizija vs Sergio Agius, Qorti tal-Appell Kriminali, 11 ta' Ġunju, 2020

4. *Jagħti kwalunkwe provvedimenti ieħor li jidhirlu xieraq u oppportun fiċ-ċirkostanzi.*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** ippreżentata fit-22 ta' Settembru 2022, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jikkonċediex il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent skont dak kontemplat fl-Artikoli 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent instab ħati li wettaq diversi reati matul iż-żmien, fosthom li fis-sena 1990 talli "ikkometta serq ta' flus, deheb u apparat tal-HIFI u oġġetti oħra li jammontaw għal aktar minn Lm 1000 ...fl-istess żminijiet iddenunzja lill-Pulizija esekuttiva reat li jaf li fil-fatt ma sarx.....kkommetta rati ara li kien ġie meħlus li ma jikkomettix reat ieħor fi żmien tliet snin .. talli sar reċidiv", kif ukoll mis-sena 1976 sas-sena 1997 għamel diversi reati fosthom kiser l-ordni u l-paċi pubbliku fi skola primarja, instab għal darba darbtejn fil-pussess illegali tad-droga eroina, wera disprezz lil Qorti Maltija, ikkommetta serq aggravat bil-vjolenza u bil-ħin diversi drabi, insulta u ħebb għal persuna, saq karozza mingħajr liċenzja u saq karozza b'manjiera perikolanti. Dawn ir-reati huma lkoll elenkati fil-fedina penali hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. COP' u r-reat rigward is-serq u id-denunzja falza ta' liem sentenza hija datata fl-1994, jikkostitwixxi delitt kontra l-proprjeta' aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu jew bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *Illi l-esponent ikkunsidra li wieħed mir-reati mwettqa mir-rikorrent jikkostitwixxi delitt kontra l-proprjeta' aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu jew bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk jikkunsidra li dan ir-reat kif ukoll l-oħrajn kommessi mir-rikorrent huma reati li mhumiex kompatibbli mal-mestjier ta' gwardjan privat għaliex fl-umli fehma tal-esponent, ir-rikorrent għandu jkun persuna ta' eżempju f'xogħolha, u mhux taġixxi b'atti li suppost qed tipprevjeni hi stess fil-qadi ta' xogħolha bħala gwardjan privat (ara **Mary Grace Gravina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**[3] deċiża fis-26 ta' Lulju 2021);*

4. *Illi ġjaladarba reat ikun meqjus bħala "delitt kontra l-proprjeta' aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu jew bil-vjolenza" kif mifhum taħt l-Artikolu 10(a) (oltre għal*

[3] Rks 87/2020.

*dawk ir-reati espliċitament imsemmija f'dan l-artikolu), l-istess artikolu ma ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***jimponi obbligu fuq il-Kummissarju*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389;*

5. *Illi f'dan il-każ il-leġiżlatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita` ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli. Dan iktar u iktar jingħad meta jidher ċar li r-reati seħħu frekwentament fuq medda ta' madwar ħamsa u għoxrin sena;*

6. *Illi magħdud ma' dan, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol. Għalhekk m'għandux x'jaqsam dak li jisħaq ir-rikorrent li ċjoe' huwa qiegħed ibagħti xi preġudizzju għax filfatt hu sempliċiment fatt li r-rikorrent, minħabba li wettaq reati kriminali ta' ċertu gravita', ma baqax jistgħa jikkwalifika biex jiġi fdat bil-liċenzja ta' gwardjan privat. Dan jingħad ukoll in vista tal-fatt li l-esponent għandu dubbju kemm ir-rikorrent jistgħa jaqdi dmiru b'mod sodisfaċenti ta' gwardjan privat illi kieku jingħata l-liċenzja ladarba huwa raġel tal-eta matura ta' 64 u diġa' jsoffri minn xi diżabilita' permanenti;*

7. *lli finalment b'referenza għat-talba hekk kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

Ra l-affidavit ta' Margaret Gatt u tar-rikorrent;

Sema' lir-rikorrent u lill-Ispettur Sarah Magri;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Victor Gatt;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 29 ta' Lulju, 2022, li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-

***"Nagħmel referenza għall-applikazzjoni tiegħek għall-ħruġ ta' liċenza ta' Gwardjan Privat.***

***Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rrifjutata ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita' (Kap 389, tal-Liġijiet ta' Malta), peress illi jirriżulta li inti, instabt ħati ta' delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).***

***Dan qiegħed isir wara li ġiet ikkunsidrata sentenza mogħtija fil-konfront tiegħek nhar id-19 ta' Settembru, 1994, dwar serq, fost akkużi oħra, mill-Qorti tal-Appell bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali liema sentenza hija definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula."***

**Ikkunsidra:**

Illi r-rifjut tal-Kummissarju intimat huwa msejjes fuq artikolu 10 (a) (i) tal-Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita`, liema artikolu jgħid is-segwenti, u ċioe`:

*"Il-Kummissarju* ***għandu***[4] *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta'omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta'* ***xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)*** *jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor;"*

Illi fejn si tratta ta' rifjut abbażi ta' artikolu 10 (a) (i), il-Kummissarju ma għandux diskrezzjoni jekk joħroġx liċenzja jew le, ħlief limitatament meta jiġi biex jikklassifika jekk delitt imwettaq minn applikant, u li ma

[4] Enfasi tat-Tribunal

hux imsemmi speċifikatament fl-istess sub-inċiż, jistax jiġi kkunsidrat bħala gravi jew le.

Illi mill-fedina penali esebita minn fol. 18 sa 30 tal-proċess jirriżulta illi r-rikorrent kien ġie misjub ħati ta' sensiela ta' reati mwettqa mis-sena 1975 sas-sena 1996 Illi permezz ta' sentenza datata 19 ta' Settembru 1994, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat sentenza ta' sentejn priġunerija tal-Ewwel Qorti fejn ir-rikorrent kien ġie misjub ħati, fost affarijiet oħra, illi fis-6 ta' Lulju 1990 ikkommetta serq ta' flus u deheb u apparat tal-HiFi u oġġetti oħra li jammontaw għal iktar minn elf lira Maltin (Lm1000).[5]

Ir-rikorrent xehed illi huwa kien jaħdem bħala *helper* ma' ditta privata. Spjega li fid-9 ta' April 2022 kellu inċident fuq il-post tax-xogħol u ma setax jibqa' jaħdem mal-istess Kumpanija. Xehed li sab xogħol ma' Kumpanija privata bħala gwardjan pero` biex ikun jista' jaħdem dan ix-xogħol għandu bżonn liċenzja ta' gwardjan privat. Huwa spjega li mill-każ li għalih għamel referenza il-Kummissarju intimat fir-rifjut tiegħu, huwa qatt ma kellu inċidenti iktar, tant li l-kondotta tiegħu hija nadifa.

Margaret Gatt, mart ir-rikorrent, xehdet illi ilha miżżewġa lir-rikorrent sitta u tletin (36) sena u kellhom erbat itfal. Tispjega li wara li r-rikorrent kellu inċident fuq il-post tax-xogħol, l-uniku xogħol li sab kien ta' *security*.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal josserva illi l-ħidma tal-gwardjani privati hija waħda li tissupplimenta u tikkumplimenta dik tal-Korp tal-Pulizija sabiex ikun hawn l-ordni fil-pajjiż.

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent issottometta illi quddiem dan it-Tribunal ma nġabet ebda prova dwar ir-reċediva tar-rikorrent bħal ma jsir fil-kamp penali. Huwa jsostni li b'analoġija, l-ġurisprudenza applikabbli għall-kamp penali għandha tapplika għall-grad ta' prova rikjesta quddiem dan it-Tribunal. Id-difensur tar-rikorrent issottometta illi f'dan il-każ kull ma ġie esebit kienet vera kopja ta' sentenza, mingħajr ma hemm ebda indikazzjoni għall-Karta tal-Identita` tal-persuna li nstabet ħatja permezz tal-istess sentenza, u allura ma ġiex ippruvat bl-ebda mod li r-rikorrent huwa l-istess "Victor Gatt" imsemmi fl-okkju tas-sentenza.

[5] Dokument SM2 a fol. 45

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa mhux qed jeżerċita funzjonijiet ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali fejn allura l-livell ta' prova dwar l-identita` tal-imputat, ai fini ta' reċidiva, irid jiġi ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli. Il-livell ta' prova li trid issir quddiem dan it-Tribunal hija dik rikjesta fil-kamp ċivili, u ċioe` fuq bażi ta' probabilita`. Illi dan it-Tribunal ma għandu ebda dubju illi r-rikorrent huwa proprju l-persuna misjuba ħatja permezz tas-sentenza tad-19 ta' Settembru 1994 u dana kemm għaliex l-istess sentenza tirriżulta mill-fedina penali tar-rikorrent, liema fedina penali hemm muri fuqha l-istess numru tal-Karta tal-Identita` mniżżel mir-rikorrent fir-rikos promotur tiegħu, u kif ukoll għaliex l-istess rikorrent fl-ebda stadju ma ċaħad illi dik is-sentenza tirreferi għalih. Anzi r-rikorrent, fl-affidavit tiegħu, jgħid is-segwenti, u ċioe` *"Ir-raġuni li tawni kien li madwar tmienja u għoxrin sena (28) ilu jien kont instabt ħati ta' serq agrivat. Nejd ili min dak iż-żmien lawn jin qatt ma kelli iktar inċidenti fuq dan it tip tant li il-kondtoda tijaj toħroġ nadifa."*[6]

Illi għaldaqstant, it-Tribunal ma jikkondividix l-argumenti mressqa mir-rikorrent. Illi l-liġi hija ċara ħafna u ma tagħti ebda tip ta diskrezzjoni lill-Kummissarju intimat, jgħaddi kemm jgħaddi żmien mit-twettieq ta' ċerti reati, inkluż dak li r-rikorrent instab ħati tiegħu permezz ta' sentenza datata 19 ta' Settembru 1994. It-Tribunal jirrileva illi l-liġi ma tirrikjedix li applikant irid ikollu "kondotta nadifa" iżda tassattivament tirrikjedi illi applikant ma jkunx ikkommetta ebda wieħed mir-reati elenkati f'artikolu 10 (a) (i). Ladarba dan it-Tribunal huwa konvint illi r-reati mwettqa mir-rikorrent fl-1994 huma elenkati f'artikolu 10 (a) (i), la dan it-Tribunal u lanqas il-Kummissarju intimat ma għandhom xi diskrezzjoni dwar il-mod kif għandhom jitrattaw l-applikazzjoni tar-rikorrent.

Illi filwaqt li dan it-Tribunal jista' jifhem illi għaddew numru konsiderevoli ta' snin minn meta twettaq ir-reat in diżamina, ma jistax jiddeċiedi b'mod suġġettiv iżda jrid isegwi l-interpretazzjoni tal-liġi bl-iktar mod loġiku u oġġettiv. Li kieku kien mod ieħor allura tisparixxi dik l-oġġettivita` li dan it-Tribunal huwa rikjest li jeżerċita fl-għoti tad-deċiżjonijiet tiegħu.

Illi għalhekk, it-Tribunal iqis li r-reat li tiegħu instab ħati l-imputat permezz tas-sentenza tat-22 ta' Settembru 2008, u ċioe` dak ta' serq aggravat bil-valur, huwa wieħed mir-reati elenkati f'artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi, kif ingħad iktar 'il fuq,

---

[6] Affidavit a fol. 54

la l-Kummissarju u lanqas dan it-Tribunal ma jistgħu jinterpretaw il-liġi b'xi mod ieħor ħlief kif ġiet interpretata u applikata, u ċioe` li persuna li tkun wettqet xi wieħed mir-reati elenkati fl-istess sub-artikolu ma tistax tinħareġ favur tagħha liċenzja ta' gwardjan privat.

Għaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni appellata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat datata 29 ta' Lulju, 2022, u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

_________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**